31997R0211

5.2.1997 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 35/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 211/97

ta' l-4 ta' Frar 1997

li jemenda l-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 li jistabbilixxi proċedura tal-Komunità għat-twaqqif ta' limiti massimi ta' residwi għal prodotti mediċinali veterinarji f'prodotti ta' l-ikel ġejjin mill-annimali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISJONI TA' KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 tas-26 ta' Ġunju 1990 li jistabbilixxi proċedura tal-Komunità għat-twaqqif ta' limiti massimi ta' residwu ta' prodotti mediċinali veterinarji għal oġġetti ta' l-ikel ġejjin mill-annimali ([1]), kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 17/97 ([2]) u b'mod partikolari l-Artikoli 6, 7 u 8 dwar dan,

Billi, b'mod konformi mar-Regolament (KEE) Nru 2377/90, il-limiti massimi ta' residwu għandhom jiġu stabbiliti progressivament għas-sustanzi kollha farmakoloġikament attivi li jintużaw fi ħdan il-Komunità fi prodotti mediċinali veterinarji maħsuba sabiex jingħataw lill-annimali li jipproduċu l-ikel;

Billi l-limiti massimi ta' residwu għandhom jiġu stabbiliti biss wara l-eżaminazzjoni fi ħdan il-Kumitat għal Prodotti Mediċinali Veterinarji fuq l-informazzjoni rilevanti kollha dwar is-sigurtà tar-residwu konċernat għall-konsumatur ta' prodotti ta' l-ikel ġejjin mill-annimali u l-impatt ta' residwi fuq il-proċess industrijali tal-prodotti ta'l-ikel;

Billi, fit-twaqqif tal-limiti massimi ta' residwi ta' prodotti mediċinali veterinarji f'oġġetti ta' l-ikel ġejjin mill-annimali, huwa meħtieġ li wieħed jispeċifika l-ispeċi ta' l-annimali li fihom jista' fih ikun hemm residwi, l-livelli li jistgħu jkunu preżenti f'kull wieħed mit-tessuti tal-laħam miksuba mill-annimal trattat (tessut bersall) u n-natura tar-residwu li jibqa' li huwa rilevanti għas-sorveljanza tar-residwi li jibqgħu (residwu markatur);

Billi, għall-kontroll tar-residwi, kif hemm ipprovdut għalih fil-leġislazzjoni xierqa tal-Komunità, limiti massimi ta' residwu għandhom jiġu stabbiliti għat-tessut bersall tal-fwied jew tal-kliewi; billi, iżda, il-fwied u l-kliewi huma ġeneralment imneħħija minn karkassi li jispustaw fis-suq internazzjonali, u l-limiti massimi ta' prodotti għandhom għalhekk jiġu dejjem stabbiliti għat-tessuti tal-muskoli jew tal-grass;

Billi Somatosalm għandu jiġi mdaħħal fl-Anness II ta' Regolament (KEE) Nru 2377/90;

Billi perjodu ta' 60 jum għandu jiġi permess qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sabiex l-Istati Membri jagħmlu kull aġġustament li jista' jkun meħtieġ għall-awtorizazzjonijiet li ngħataw b'mod konformi mad-Direttiva tal-Kunsill 81/851/KEE ([3]), kif l-aħħar emendata minn Direttiva 93/40/KEE ([4]) sabiex wieħed jikkunsidra d-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għad-dħul fis-suq tal-prodotti mediċinali veterinarji involuti;

Billi, b'mod konformi mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 2377/90, l-abbozz tal-miżuri li jridu jiġu addottati ngħata lill-Komunità għall-Addattament għal Progress Tekniku tad-Direttivi dwar it-Tneħħija ta' Xkiel Tekniku lill-Kummerċ fil-Qasam tal-Prodotti Mediċinali Veterinarji; billi l-Kumitat ma setax jagħti fehma; billi l-Kummissjoni għalhekk ipproponiet il-miżuri li l-Kunsill irid jaddotta;

Billi l-Kunsill ma ħax passi jew ma vvutax kontra l-miżuri proposti b'maġġoranza sempliċi fiż-żmien permess ta' tlett xhur; billi huwa għalhekk id-dmir tal-Kummissjoni li taddotta l-miżuri,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KEE) Nru 2377/90 huwa b'dan emendat kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Din ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-sittin jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunità Ewropea*.

([1]) ĠU Nru L 224, tat-18.8.1990, p.1.
([2]) ĠU Nru L 5, tad-9.1.1997, p. 12.
([3]) ĠU Nru L 317, tas-6.11.1981, p.1.
([4]) ĠU Nru L 214, ta' l-24.8.1993, p. 31.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-4 ta' Frar 1997.

Għall-Kummissjoni
Martin BANGEMANN
Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

L-Anness II ta' Regolament (KEE) Nru 2377/90 huwa emendat kif ġej:

2. Kimiċi organiċi

Sostanzi farmakoloġikament attivi	Speċji ta' l-annimali	Disposizzjonijiet ohra
"2.8.4 Somatosalm	Salamun"	